**Każ Nru CEDUC-24-5415**

16 ta' Ġunju 2025

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mis-Sur Graham Sansone.

***Resumé***

Il-persuna hawn aktar 'l fuq imsemmija ilmentat kemm f'isimha proprju kif ukoll u nom u f'isem il-unjin – Union of Professional Educators (UPE) – li tagħha huwa Kap Eżekuttiv.

L-ilment jirrigwarda direttiva, maħruġa mid-Direttur Ġenerali Servizzi Edukattivi fil-25 ta' Settembru 2024, li, skond il-persuna li ilmentat, kienet tikser id-dritt għal-libertà tal-espressjoni tal-għalliema.

Wara eżami akkurat tal-fatti u xejn anqas tad-dokumenti eżibiti mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni – dokumenti li permezz tagħhom l-istess Ministeru ipprova jiġġustifika dik id-direttiva a bażi ta' ċirkularijiet u direttivi preċedenti – il-Kummissarju għall-Edukazzjoni ikkonkluda li s-sitwazzjoni kienet tali li kien hemm 'a blanket prohibition' għall-għalliema u l-edukaturi kollha fis-servizz ċivili milli jesprimu xi opinjoni dwar l-edukazzjoni li b'xi mod tvarja minn dik uffiċjali. Kien hemm għalhekk elementi ta' malamministrazzjoni fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 385, kemm fid-direttiva

tal-25 ta' Settembru 2024 kif ukoll fid-Direttiva 5 tas-Segretarju Permanenti Ewlieni tal-24 ta' Frar 2011.

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni irrakkomanda li għandu jkun hemm linji gwida u direttivi kif suppost li jassiguraw il-libertà ta' espressjoni sħiħa għall-għalliema u għall-edukaturi anke fuq affarijiet li jaqgħu fil-kamp tax-xogħol tagħhom, sabiex tali dritt ta' espressjoni jkun jista' jiġi eżerċitat bla xkiel u bla biża ta' proċeduri dixxiplinarji.

Din l-Opinjoni Finali ġiet komunikata lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni fit-30 ta' April 2025, b'kopja lill-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni.

B'ittra tal-4 ta' Ġunju 2025, l-imsemmi Segretarju Permanenti reġa' tenna li l-Ministeru ma jirrikonoxxix l-ilment in kwantu magħmul mill-UPE għal raġuni diġà deċiża minn dan l-Uffiċċju kontra l-istess Ministeru (ara l-paragrafu 5 tal-Opinjoni Finali hawn annessa), u li l-Ministeru kien ser jibqa' jsegwi il-PSMC Manual.

Fid-9 ta' Ġunju 2025 aħna ktibna lill-Onorevoli Prim Ministru fit-termini tal-Artiklu 17C(1) u 22(4) tal-Kap. 385.

Billi sal-lum il-pożizzjoni ma nbidlitx wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmija Opinjoni Finali, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

| | |
|---|---|
| Joseph Zammit McKeon | Vincent A Degaetano |
| Ombudsman | Kummissarju għall-Edukazzjoni |

Dokumenti Annessi:

Opinjoni Finali – 30 ta' April 2025
Ittra tal-PS MEYR - 4 ta' Ġunju 2025
Ittra lill-Prim Ministru – 9 ta' Ġunju 2025